MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru 108/2010

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)
**Vs**
**Jason Vella ta' 23 sena, bin John u Helen nee' Spiteri, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar is-26/03/1990, residenti fil-fond numru 106, Triq Santa Duminka victoria Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 15690(G);**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jason Vella li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-03 u l-04 ta' Mejju 2008 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel, gor-Rabat Ghawdex u fi bnadi ohra f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-ordni maghmula mill-Avukat Generali tad-29 ta' Jannar 2010 ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat bil-pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina ir-raza. Illi l-Qorti tosserva mal-ewwel illi f'dana il-kaz ma giet misjuba l-ebda droga fil-pussess ta'l-imputat. Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-akkuza taghha fuq dikjarazzjoni maghmul minn Richard Theuma li inizjalment f'dawn il-proceduri kien ko-akkuzat mal-imputat, izda illum il-kawza fil-konfront tieghu ghaddiet in gudikat abbazi ta'l-ammissjoni tieghu stess. Dana Richard Theuma jindika illi meta huwa gie imwaqqaf mill-pulizija flimkien ma' shabu kien hemm ukoll presenti certu Jason li il-pulizija dehrilhom li kien l-imputat u ghalhekk ipprocedew ghall-arrest tieghu. L-imputat, izda mill-istadju inizjali tal-investigazzjonijiet dejjem cahad l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reat u baqa' jichad anke meta iddepona fil-qorti.

Illi fil-lejl ta' bejn it-03 u l-04 ta' Mejju 2008, il-pulizija kienu qed jissorveljaw iz-zona tal-venda tal-karozzi tal-linja gewwa ir-Rabat peress illi f'dawn l-inhawi kien qed jigi organizzat disco party. Il-kuntistabbli 1371 f'xi hin osserva xi zaghzagh qed jagixxu b'mod suspettuz. Dawn kienu bil-qieghda fuq bank u wiehed minhhom, li wara irrizulta li kien certu Karl Scicluna kien gie osservat jahraq xi haga

suspettuza u minn fuq il-bank giet elevata bicca zghira suspettata raza tal-cannabis, flimkien ma’ lighter u bicca karta tar-rizla. Dana Karl Scicluna gie arrestat u interrogat u fil-kors ta’l-investgazzjonijiet il-pulizija stabillew illi kien hemm xi zaghzagh ohra involuti li ukoll gew arrestati u interrogati. Illi meta gie interrogat Richard Theuma huwa indika illi fil-kumpanija tieghu flimkien ma’ zaghzagh ohra kien hemm certu Jason. Fl-istqarrija ighid illi ma jafx jekk qatt pejjipx xi joint ma’ dan Jason meta mistoqsi mill-ufficjal investigattiv. Meta jixhed fil-Qorti, Richard Theuma ighid illi lill-imputat jafu, izda mhux habib tieghu u ighid illi ma jistax jiftakar jekk dak inhar huwa kienx maghhom. Wara li jigi dikjarat bhala xhud ostili, Theuma ikompli jixhed u jibqa’ isostni illi ghalkemm jaf illi Vella kien gie arrestat madanakollu ighid illi ma jiftakarx jekk dak in-nhar kienx presenti maghhom. Ix-xhud l-iehor Ivan Grima, imbaghad lanqas biss isemmieh lill-imputat.

Illi l-pulizija anke ghamlu tfittxija fir-residenza ta’l-imputat, izda din irrizultat fin-negattiv. L-imputat kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll meta jixhed issotni illi huwa qatt ma ha xi droga f’hajjtu u isostni illi f’dik il-lejla huwa ma kienx ma dawn iz-zaghzagh. Kemm hu kif ukoll missieru issostnu illi f’dik il-lejla u cioe’ fil-hin indikat fl-akkuza, l-imputat kien id-dar. Fil-fatt fix-xhieda tieghu l-imputat jispjega fejn kien f’dik il-lejla. Ighid illi huwa ghamel sal-hdax u nofs ta’ fil-ghaxija gewwa l-istabbiliment maghruf bhala *Flamingo* gewwa ir-Rabat Ghawdex flimkien ma’ shabu Charlon Attard u certu Ignatius. Wara mar jiltaqa’ ma’ missieru gewwa il-*Cafe’ Cafe’* fejn hemmhekk dam sa xis-siegha u wara mar lejn id-dar ma’ missieru.

Finalment ghalkemm l-imputat jinsab akkuzat bil-pussess tar-raza tal-cannabis ai termini ta’l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, madanakollu kif diga inghad l-ebda droga ma giet misjuba fil-pussess ta’l-imputat li lanqas jigi intercettat mill-pulizija fuq il-post fejn inqabbdu iz-zaghzagh l-ohra. Kwindi il-Qorti qatt ma tista’ tistabbilixxi jekk l-imputat kienx fil-pusess ta’ dina r-raza o meno.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------